**29 ta' Jannar, 1960**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Walter Bonello ne.

*versus*

Silvio Mifsud.

**Mandat — Rappreżentanza Ġudizzjarja — Spejjeż Ġudizzjarji — Art. 1004 tal-Proċedura Ċivili.**

*Meta l-parti kundannata għall-ħlass tad-drittijiet tar-Reġistru, jew għall-ħlas tal-ispejjeż tal-parti l-oħra, tkun, fiż-żmien tas-sentenza, rappreżentata fil-kawża, minħabba li tkun nieqsa minn dawn il-Gżejjer, minn mandatarju maħtur minnha, irReġistratur u dik il-parti l-oħra jistgħu jitolbu l-ħlas ta' dawk id-drittijiet, jew spejjeż, minn għand il-mandatarju, daqs li kieku dan il-mandatarju kien ġie huwa nnifsu, u "in solidum" flimkien mal-persuna li ħatritu, kundannat għall-ħlas ta' dawk id-drittijiet jew ta' dawk l-ispejjeż.*

*Il-ħlas ta' parti mid-dejn magħmul akkont ta' kapital u imgħaxijiet, mingħajr ma jingħad għal liema minnhom, imur l-ewwel għal-imgħaxijiet; u l-ħlas għandu jitqies li sar għal dejn illi dak li ħallas kellu jagħti bħala debitur prinċipali jew bħala obligat waħdu qabel dejn li kellu jagħti bħala pleġġ ta' ħadd ieħor, jew bħala debitur "in solidum" ma' debituri oħra.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine, wara li ppremetta illi l-konvenut assuma l-atti tal-kawża fl-ismijiet "Walter Bonello nomine vs. Antonio Canillas nomine", deċiża minn din il-Qorti b'sentenza tat-13 ta' Diċembru 1957, konfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tal-14 ta' Marzu 1958, bħala mandatarju tal-konvenut f'dik il-kawża, u b'hekk, għat-termini tal-art. 1004 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, hu responsabbli personalment lejn l-attur għa'l-pagament tal-ispejjeż ta' dik il-kawża; liema spejjeż jammontaw għal £147.12.4, kif jirriżulta mit-taxxa prodotta mal-istess att ta' ċitazzjoni; talab, previja d-dikjarazzjonijiet neċessarji, u speċjalment dik li l-

konvenut hu tenut personalment lejh għall-pagament tal-ispejjeż ġudizzjarji tal-kawża fuq riferita, illi l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lilu l-imsemmija somma ta' £147.12.4 għall-ispejjeż tal-imsemmija kawża, u dan bħala ritenut responsabbli għat-termini tad-dispożizzjoni tal-liġi fuq ċitata. Bl-interessi kummerċjali minn notifikazzjoni tal-att ta' ċitazzjoni, u bl-ispejjeż;

*Omissis*;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li ssottometta illi l-attur irċieva minn għandu l-flus kollha li kellu sekwestrati f'idejh ta' pertinenza tad-debitur Kaptan Canill'as nomine, u li minħabba fihom, kif kien jaf l-attur, huwa assuma li jirrappreżenta lill-istess debitur fil-kawża l-oħra, u għalhekk l-attur nomine jinsab imħallas tal-ispejjeż, kif hu kellu jimputa l-pagament lil'u magħmul kif imsemmi, speċjalment in vista tad-dikjarazzjonijiet li saru fl-okkażjoni li hu (l-eċċipjent) assuma r-rappreżentanza tad-debitur, kif ukoll imsemmi;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut ma qajjem l-ebda kwistjoni dwar il-kwalità, indikata fiċ-ċitazzjoni, li fiha l-konvenut assuma l-atti tal-kawża fuq riferita, jiġifieri dik ta' mandatarju tal-konvenut f'dik il-kawża. Hu, però, jippretendi illi, billi ħallas lill-attur is-somma kollha li kellu f'idejh ta' pertinenza ta' dak il-konvenut, għalkemm dik is-somma ma kopprietx id-dejn tal-istess konvenut għas-sorte, lukri u spejjeż tal-imsemmija kawża, iżda kienet suffiċjenti biex tkopri l-ispejjeż kollha, u kwindi dawn għandhom jitqiesu mħallsin, billi l-ħlas ta' dik is-somma għandu jmur l-ewwel għall-ispejjeż; u jippretendi wkoll li kien hemm ftehim fissens li ma kell'ux ikun responsabbli personalment għall-ħlas tal-ispejjeż;

Tikkunsidra;

Illi l-ftehim li l-konvenut ma kellux ikun personalment

responsabbli għall-ħlas tal-ispejjeż ma jirriżultax soddisfaċentement pruvat, lanqas bix-xhieda tal-istess konvenut;

Illi ma jirriżultax li l-konvenut, meta ħallas il-flus fuq riferiti, imputa espressament il-ħlas għall-ispejjeż, u li din l-imputazzjoni ġiet aċċettata mill-attur;

Illi, skond id-dispożizzjoni tal-liġi fuq ċitata, li kontra l-applikazzjoni tagħha l-konvenut ma ssolleva ebda eċċezzjoni, "meta l-parti kundannata għall-ħlas tad-drittijiet tar-Reġistru, jew għall-ħlas tal-ispejjeż tal-parti l-oħra, tkun, fiż-żmien tas-sentenza, rappreżentata fil-kawża, minħabba li tkun nieqsa minn dawn il-Gżejjer, minn mandatarju maħtur minnha", kif jidher li l-partijiet jaqblu li kien il-każ fil-kawża fuq riferita, "ir-Reġistratur u dik il-parti l-oħra jistgħu jitolbu l-ħlas ta' dawk id-drittijiet u spejjeż minn għand il-mandatarju hawn fuq imsemmi, daqs li kieku dan il-mandatarju kien ġie huwa nnifsu u "in solidum" flimkien mal-persuna li ħatritu, kundannat għall-ħlas ta' dawk id-drittijiet jew ta' dawk l-ispejjeż";

Illi, skond il-liġi, il-ħlas ta' parti mid-dejn magħmul akkont ta' kapital u imgħaxijiet, mingħajr ma jingħad għal liema minnhom, imur l-ewwel għall-imgħaxijiet; u l-ħlas għandu jitqies li sar għal dejn illi dak li ħallas kellu jagħti bħala debitur prinċipali jew bħala obligat waħdu qabel dejn li kellu jagħti bħala pleġġ ta' ħadd ieħor, jew bħala debitur "in solidum" ma' debituri oħra;

Illi l-ammont tal-ispejjeż mitlub mill-attur għall-ispejjeż tal-imsemmija kawża hu ġustifikat b'taxxa rilaxxjata mir-Reġistratur (dok. fil-fol. 5);

Għaldaqstant;

Tiddeċidi adeżivament għall-istanza; bl-ispejjeż.